MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Numru. 1331/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**RICHARD MERCIECA ta’ 40 sena bin Victor u Josephine nee’ Galea, imwieled il-Pieta’ fit-22 ta’ Lulju 1996 u li joqghod f’Nodric, Triq Patri Marjanu, Iklin, dententur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 324466(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Richard Mercieca:

1. talli nhar il-Hadd 5 ta’ Novembru 2006, gewwa il-Belt Valletta u l-Floriana:

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrja, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr
il-kunsens tas-sid jew;

b. ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh, jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka sinjal jew emblema imxebbhin b’qera;

u cioe’ diversi CDs, DVD films u loghob tal-Playstation.

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-driittijiet ta’l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

U b’hekk Richard Mercieca sar recidiv ai termini ta’l-aartikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtja mill-Qorti tal-Magstrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali ta’l-14 ta’ Frar 2007 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

DWAR FATTI:

Illi mill-provi migjuba jidher illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat ghandu il-permessi ta' hawker u jarma fuq il-monti ghal skopijiet ta' kummerc. Illi fil-gurnata in kwistjoni u cioe' fil-5 ta' Novembru 2006, l-imputat instab kokka fl-art iqalleb f'zewg basktijiet (elevati mill-pulizija u esebiti bhala Dokuemnt RM9), liema basktijiet kellhom fihom diversi CDs, DVDs u loghob tal-playstation allegatament foloz. B'hekk l-imputat gie imressaq il-Qorti bl-akkuzi odjerni. Illi madanakollu mix-xhieda ta'l-ufficjali tal-pulizija illi fil-gurnata in kwistjoni ghamlu l-ispezzjoni u elevaw l-oggetti esebiti, ma irrizultax b'mod car jekk l-imputat dak in-nhar kienx armat sabiex joffri ghal bejgh dawn l-oggetti. L-imputat ma instabx hdejn it-tilar tieghu u lanqas gie stabbilti jekk dak in-nhar it-tilar tieghu kellux dawn l-oggetti esebiti ghal bejgh. Fil-fatt kemm PS 494 Borg, kif ukoll PC273 Tabone u WPC 103 Mifsud ma setghux jikkonfermaw jekk dak in-nhar l-imputat kienx armat proprju biex ibiegh dawn ic-CDs u DVDs. Madanakollu l-Qorti tqis illi l-imputat diga kellu diversi kundanni ghar-rigward ta' bejgh ta' dawn il-prodotti, oltre il-fatt illi huwa instab fuq il-monti, proprju vicin fejn huwa ikun armat sabiex ibiegh u kellu f'idejh zewg basktijiet mimlija kwantita' kbira ta' CDs u DVDs li certament ma kienx qieghed igorrhom mieghu ghal uzu personali tieghu. Il-Qorti ghalhekk ghandha konvinciment morali lil hinn minn kull dubbju illi l-imputat kellu fil-pusess tieghu dawn l-oggetti biex ikun jista' joffrihom ghal bejgh lill-konsumatur.

Illi ghar-rigward ta'l-awtenticita o meno ta' dawn l-oggetti, il-Qorti tistrieh fuq ir-rapport ta'l-espert minnha nominat Martin Bajada fejn wara ezami akkurat kemm tal-materjal innifsu u cioe' ta'l-optical diskettes analizzati kif ukoll tal-qoxra u l-ippakkjar ta' dawn id-diskettes huwa jasal ghal konkluzjoni illi "l-optical diskettes" elevati jirrizultaw li huma counterfeit recordings li tfisser li l-prodott hu *an unauthorized copy of a copyright-protected recording, artwork, label, trademark or packing (Black's Law Dictionary 8thedition page 376)* u dan dejjem jekk ma'

hemmx l-kunsens minghad l-awturi rispettivi.” (fol.63 tal-process). Illi ghar-rigweard ta’ dana il-kunsens minn ghand l-awturi rispettivi, mill-kwereli esebiti bhala Dokument RM 2 u mix-xhieda ta’ l-avukat Dr. Patrick Galea, ma jidhirx illi l-imputat kellu il-kunsens tal-copyright owners sabiex jaghmel il-kopji relattivi.

Dwar il-LIGI.

Illi esposti dawn il-fatti, il-Qorti trid tara jekk dawn jaqghux taht xi wahda jew aktar mid-disposizzjonijiet tal-ligi li tahthom l-imputat illum jinsab akkuzat bihom.

A. 228(1)(a) – Illi l-akkuza ewelenija f’dawn il-proceduri hija dik tal-falsifikazzjoni. Illi bir-rispett kollu mill-provi imressqa quddiem il-Qorti ma irrizulta minn imkien illi kien proprju l-imputat illi fizikament ittrasferixxa l-informazzjoni li hemm f’dawn l-optical diskettes ghal fuq CDs jew DVDs jek inkella li b’xi mod ippartecipa f’dan il-process. Dawn id-diskettes instabu biss fil-pussess tieghu. Ghalhekk dina l-akkuza ma tirrizultax ippruvata. Lanqas ma jirrizulta mill-fatti ta’ dan il-kaz illi l-imputat kien qieghed jaghmel xi uzu minnhom. Illi fi kwalunkwe kaz il-Qorti hija tal-fehma illi in-natura tar-reat addebitat lill-imputat ma jinkwadrax ruhu f’dana d-dispost tal-ligi.

B. 228(1)(c) - L-istess jista’ jinghad ghar-rigward tat-tieni akkuza u dana peress illi l-imputat fl-ebda mument ma inqabad ibiegh dawn ic-CDs jew DVDs. Kif inghad iktar ‘il fuq huwa instab kokka fl-art vicin il-basktijiet elevati u lanqas ma instab vicin it-tillar tieghu jew xi tillar li fih kien hemm esposti ghal bejgh dawn ic-CDs jew DVDs.

C. 298(1)(f) – L-istess ma jistax jinghad izda ghar-rigward tat-tielet akkuza. Il-Qorti diga esprimiet ruhha iktar ‘il fuq dwar il-fatti ta’ dan il-kaz. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu kwantita’ kbira ta’ CDs u DVDs sabiex ikun jista’ joffrihom ghal bejgh lill-konsumatur. Illi qabel xejn irid jinghad illi ghal fini ta’ dana l-artikolu tal-ligi, l-pulizija jistghu jipprocedu *ex officio*, minghajr il-htiega ta’ kwerela tal-parti offiza. Illi mir-rapport

esebit mill-espert nominat mill-Qorti Martin Bajada (Dokument MB), il-Qorti hija tal-fehma li jikkonkorru l-elementi kollha ta’ dana ir-reat. Illi huwa minnu illi l-espert ma ikkomparax l-oggetti esebiti ma’l-original, izda l-Qorti innominat espert f’dan il-kamp proprju ghal dina r-raguni u dana peress illi l-espert jista’ anke minghajr il-htiega li jara l-original ta’l-oggett jasal ghal konkluzjoni illi l-optical diskette huwa wiehed falz. Hanwhekk ma ahniex qed nitkellmu fuq xi emblema fuq flokk, li wiehed ikun irid iqabbel il-hjata tieghu jew xi logo fuq xi par zarbun li jista’ jigi ikkupjat. Hawnhekk qeghdin fil-qasam tat-teknologija fejn anke mill-ghamla stess ta’l-optical diskette wiehed jista’ facilment jasal ghal konkluzjoni tieghu. Fil-fatt l-espert fir-rapport tieghu jindika fost affarijiet ohra illi l-original ta’ CD jew DVD ma ikunx recordable bhal kif inhu fil-kaz odjern fejn il-prodott gie ikkuppjat fuq DVD-R u CD-R imma ikun fuq DVD u/jew CD fejn l-informazzjoni tigi trafserita waqt il-process ta’ manifattura tad-DVD jew CD, b’process maghruf bhala “pressed”. Illi ghar-rigward ta’l-inlays, huwa seta’ facilment jasal ghal konkluzjoni, (kif probabbilment jasal ghaliha kulhadd anke min mhuwiex espert), illi dawn kienu fotokopji bil-kulur ta’ kwalita inferjuri u *off trim* li certament wiehed ma isibx f’prodott originali. Inoltre dawn kienu sahansitra ippakkjati f’boroz tal-plastic meta l-original ikunu ippakjati f’Keep Case jew Snap Case. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali (sede inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet Il-pulizija vs Gaudenzio Borg (deciza 26/08/2998) il-Qorti tat tifsira tal-kelma emblema, marki jew sinjali fejn stqarret illi; “*wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta’ kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi, jew kombinazzjoni ta’ xi uhud minnhom, mahsuba biex iwasslu messagg dwar l-origini, il-provenjenza jew in-natura tal-merkanzija in kwitsjoni* … L_emblema trid tkun imxebbha b’qerq, jigifieri maghmula tixbah – u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess jinghad naturalment ghal marka jew sinjal; dawn iridu jixbhu marka jew sinjal awtentiku.” Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjoni u fid-dawl fuq kollox tal-provi migjuba quddiemha, il-Qorti ma tistax hlief issib htija ghar-rigward ta’ dina l-akkuza.

D. Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 298B – Illi ghal fini tar-reat ikkontemplat f'dana l-artikolu tal-ligi u sabiex jinbdew proceduri bhal dawk inezami taht dana id-dispost tal-ligi, il-kwerela tal-parti leza hija mehtiega (ara artikolu 298B(2)). Illi gew esebiti mill-prosekuzjoni zewg kwereli t-tnejn igibu id-dati tal-5 ta' Novembru 2006 iffirmati mill-avukat Dr. Patrick Galea li xehed f'dawn il-proceduri u ikkonferma li dawna saru fuq struzzjonijiet tal-mandanti tieghu. (Dokument RM2 a fol 20 u xhieda a fol.43). Illi ghar-rigward tal-kwerela maghmula mis-socjeta Forestals (Appliances) Limited bhala prokuratur specjali ta' Sony Computer Entertainment Europe Limited, ghandu jinghad illi l-prosekuzzjoni naqset milli fl-ewwel lok tressaq bhala xhud lis-socjeta Forestals (Appliances) Limited u dana sabiex fl-ewwel lok jikkonfermaw il-kwerela minnhom maghmula u fit-tieni lok sabiex igibu il-prova illi huma ghandhom il-prokura tas-socjeta estera. Jidher illi l-avukat Patrick Galea ghar-rigward ta' dina l-kwerela kien qieghed jidher biss bhala il-legali tas-socjeta Forestals u mhux bhala mandanti. Illi ghar-rigward tat-tieni kwerela, imbaghad, maghmula ghan-nom ta' diversi socjetajiet esteri, ghalkemm ghar-rigward ta' dina l-kwerela jidher illi Dr. Patrick Galea kien qieghed jidher bhala mandati, izda ukoll hawnhekk il-prova tal-prokura jew tal-mandate ma saritx. Inoltre ghar-rigward ta' dawn iz-zewg kwereli, il-prosekuzzjoni ukoll naqqset milli iggib il-prova dwar jekk il-kwerelanti humiex verament il-proprjetarji tad-dritt ta'l-awtur u cioe' dwar jekk dawna humiex il-*copyright owners* tac-CDs u DVDs in kwistjoni. Illi ghalkemm il-kwereli gew debitament ikkonfermati minn Dr. Patrick Galea, u ghalkemm hemm diversi ismijiet ta' kumpaniji esteri li jipproducu films jew playstation games, ma hemm l-ebda referenza ghall-ismijiet tal-films jew loghob maqbuda mill-pulizija f'dana il-kaz. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ghar-rigward ta' dawn il-kwereli il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi sodisfacenti dwar jekk Forestals (Appliances) Limited u Dr. Patrick Galea humiex mandatarji tal-proprjetarji tad-dritt ta'l-awtur u lanqas saret prova jekk il-kwerelanti humiex fil-verita il-proprjetarji de quo. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eugenio Frantz, gie deciz: "peress illi l-proceduri taht l-artikolu 298B tal-Kodici

Kriminali jistghu jinbdew biss fuq il-kwerela tal-parti offiza, trid issir il-prova mhux biss li hemm kwerela maghmula minn xi hadd, izda li dak ix-xi hadd huwa fil-fatt il-parti offiza." Illi l-ligi tghid car u tond kif ghandha issir il-kwrela. L-artikolu 538 jiddisponi: "*Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf jew jekk mhux maghruf fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din il-kwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra. Illi imbaghad l-artikolu 539, b'referenza ghall-artikolu 536 jiddisponi dak illi ghandu ikun fiha kwerela u cioe' irid ikun hemm imfisser car il-fatt bl-irqaqat kollha tieghu, u ghandu ikun hemm kemm jista'* <u>*jkun dawk il-partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat,*</u> *li jistabbilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-komplici*. Illi inoltre huwa biss f'dawk ic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 542 tal-Kapitolu 9 fejn il-ligi  ma tistenniex li ghandu ikun hemm prokura sabiex issir kwerela u ghalhekk fil-kaz fejn tista' issir il-kwerela bi prokura, ghandha certament tingieb il-prova tal-prokura.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi f'dana il-kaz mhux biss il-kwerela hija nieqsa minn dettalji li jistghu iwasslu sabiex jinbdew proceduri kriminali f'isem il-parti leza fosthom indikazzjoni cara dwar l-ownership tal-copyright u l-materjal issuspettat falz, talli lanqas hemm prova tal-prokura li abbazi taghha il-mandatarju qieghed jagixxi u kwindi fin-nuqqas ta' tali prova il-kwerela ma hijiex wahda legalment valida ai fini ta' dawn il-proceduri u il-Qorti fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

Illi ghar-rigward ta'l-akkuza tar-recidiva, l-prosekuzzjoni ressqet provi sufficjenti bid-diversi sentenzi esebiti, li huma kopji awtentici ta'l-orginal. Inoltre id-difiza kienet ezentat il-prosekuzjoni milli tressaq il-prova dwar l-identita ta'l-istess. (ara verbal  tas-7 ta' Marzu 2007 a fol.11).

Illi dwar piena, il-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali ta'l-imputat li diga f'diversi okkazzjonijiet instab hati ta' reati simili, izda kif jirrizulta mill-verbal maghmul mill-partijiet kollha f'dan il-kaz, jidher illi l-imputat illum biddel il-generu tan-negozju tieghu u illum huwa armat fuq il-monti bil-

hwejjeg. Hija ghal dina r-raguni biss illi l-Qorti sejra tkun klementi ma'l-imputat meta tigi biex tinfliggi il-piena u dana peress illi diment illi l-imputat ma jergax jidhol fl-istess generu ta' negozju ta' bejgh ta' CDs u DVDs, ma hemmx biza' illi huwa issa jerga' jikkometti l-istess tip ta' reat.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi, billi wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(c)(f), l-artikolu 298B, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li issib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni bis-sub-inciz ittra c, u cioe' l-akkuza li tinkwadra ruhha taht l-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta'l-akkuza dwar ir-recidiva, tilliberah mill-kumplament ta'l-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghda tordna il-konfiska ta'l-oggetti kollha esbiti bhala Dokument RM9 favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment il-Qorti qieghda tikkundanna il-hati sabiex ai termini ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ihallas lir-Registratur tal-Qorti, is-somma ta' erba' mija u zewg euro u erbghin euro centezmu (€402.40) bhala spejjez peritali f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------